



Werrej

#### II Atti mhux leġiżlattivi

##### DEĊIŻJONIJIET

- ★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/180 tad-29 ta' Jannar 2018 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, fisem l-Unjoni Ewropea, fil-Komitat Konġunt taż-ŻEE dwar emenda fl-Anness XI (Komunikazzjoni elettronika, servizzi awdjoviżivi u soċjetà tal-informazzjoni) għall-Ftehim ŻEE** ..... 1

##### Rettifika

- ★ **Rettifika tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2382 tal-14 ta' Diċembru 2017 li jstabilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni fir-rigward ta' formoli, mudelli u proċeduri standard għat-trażmissjoni tal-informazzjoni f'konformità mad-Direttiva 2014/65/UE (ĠU L 340, 20.12.2017)** ..... 5



## II

(Atti mhux leġiżlattivi)

## DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2018/180

tad-29 ta' Jannar 2018

**dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, fisem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE  
dwar emenda fl-Anness XI (Komunikazzjoni elettronika, servizzi awdjoviżivi u soċjetà tal-  
informazzjoni) għall-Ftehim ŻEE**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 tat-28 ta' Novembru 1994 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 1(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea <sup>(2)</sup> ("il-Ftehim ŻEE") daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1994.
- (2) Skont l-Artikolu 98 tal-Ftehim ŻEE, il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE jista' jiddeċiedi li jemenda, *inter alia*, l-Anness XI (Komunikazzjoni elettronika, servizzi awdjoviżivi u soċjetà tal-informazzjoni) għall-Ftehim ŻEE.
- (3) Ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(3)</sup> għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (4) L-Anness XI (Komunikazzjoni elettronika, servizzi awdjoviżivi u soċjetà tal-informazzjoni) tal-Ftehim ŻEE jenħtieġ għalhekk li jiġi emendat skont dan.
- (5) Il-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE jenħtieġ għalhekk li tkun ibbażata fuq l-abbozz tad-deċiżjoni mehmuż,

ADDOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar l-emenda proposta fl-Anness XI (Komunikazzjoni elettronika, servizzi awdjoviżivi u soċjetà tal-informazzjoni) għall-Ftehim ŻEE, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz tad-deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

<sup>(1)</sup> ĠUL 305, 30.11.1994, p. 6.

<sup>(2)</sup> ĠUL 1, 3.1.1994, p. 3.

<sup>(3)</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal transazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern u li jħassar id-Direttiva 1999/93/KE, ĠUL 257, 28.8.2014, p. 73).

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Jannar 2018.

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*  
R. PORODZANOV

---

ABBOZZ

## DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru .../2018

ta' ...

li temenda l-Anness XI (Komunikazzjoni elettronika, servizzi awdjoviżivi u soċjetà tal-informazzjoni) għall-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal transazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern u li jħassar id-Direttiva 1999/93/KE <sup>(1)</sup> għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (2) Ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 iħassar id-Direttiva 1999/93/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(2)</sup>, li hija inkorporata fil-Ftehim ŻEE u li konsegwentement jenħtieġ li titħassar skont il-Ftehim ŻEE.
- (3) Jenħtieġ għalhekk li l-Anness XI tal-Ftehim ŻEE jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

It-test tal-punt 5 l (Direttiva 1999/93/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Anness XI għall-Ftehim ŻEE huwa sostitwit b'dan li ġej:

**"32014 R 0910:** Ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal transazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern u li jħassar id-Direttiva 1999/93/KE (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 73).

Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

- (a) Fl-Artikolu 14(1), il-kliem " , jew bejn Stat tal-EFTA u l-pajjiż terz inkwistjoni jew organizzazzjoni internazzjonali" għandu jiddaħħal wara l-kliem "mal-Artikolu 218 TFUE".
- (b) Il-partijiet Kontraenti għandhom iżommu lil xulxin informati fir-rigward tan-negozjati u l-konklużjoni tal-ftehimiet imsemmija fl-Artikolu 14(1) u, fuq talba, għandhom isiru konsultazzjonijiet fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE.
- (c) Kull meta l-Unjoni Ewropea tinneogzja xi ftehim imsemmi fl-Artikolu 14(1), għandha tagħmel l-almu tagħha biex tikseb l-istess trattament għal servizzi fiduċjarji kwalifikati pprovduti minn fornituri ta' servizzi fiduċjarji kwalifikati stabbiliti fl-Istati tal-EFTA.
- (d) Fl-Artikolu 51, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA:
  - (i) fil-paragrafu 3, il-kliem "mill-1 ta' Lulju 2017" għandu jaqra "minn sitt xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru .../... ta' ... [din id-deċiżjoni]";
  - (ii) fil-paragrafu 4, il-kliem "mit-2 ta' Lulju 2017" għandu jinqra "wara sitt xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru .../... ta' ... [din id-deċiżjoni]".

<sup>(1)</sup> ĠU L 257, 28.8.2014, p. 73.

<sup>(2)</sup> ĠU L 13, 19.1.2000, p. 12.

*Artikolu 2*

It-test tar-Regolament (UE) Nru 910/2014 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġi ppubblikat fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandu jkun awtentiku.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fi [...], dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (\*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

*Is-Segretarji tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

---

(\*) [Ma hemm indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.] [Hemm indikati rekwiżiti kostituzzjonali.]

**RETTIFIKA****Rettifika tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2382 tal-14 ta' Diċembru 2017 li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni fir-rigward ta' formoli, mudelli u proċeduri standard għat-trażmissjoni tal-informazzjoni f'konformità mad-Direttiva 2014/65/UE**

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 340 tal-20 ta' Diċembru 2017)

Fil-paġna 21, fl-Anness VI, il-Parti 2 tal-Programm ta' operazzjonijiet, Pjan tan-negozju u l-organizzazzjoni strutturali tal-fergħa, Sistemi u Kontrolli,

*minflok:* "1. is-salvagwardja tal-flus u l-assi tal-klijent;

4. konformità mal-imgħiba tan-negozju u obbligi oħrajn li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-Awtorità Kompetenti tal-Istat Membru ospitanti skont l-Artikolu 35(8) u ż-żamma tar-rekords taħt l-Artikolu 16(6);
5. il-kodiċi tal-persunal għall-Imgħiba, li tinkludi n-negozjar għan-nom proprju;
6. il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus;
7. il-monitoraġġ u l-kontroll ta' arranġamenti kritiċi tal-esternalizzazzjoni (jekk applikabbli);
8. l-isem, l-indirizz u d-dettalji tal-kuntatt tal-iskema tal-kumpens akkreditata li hija membru tagħha d-ditta tal-investment;";

*aqra:* "1. is-salvagwardja tal-flus u l-assi tal-klijent;

2. konformità mal-imgħiba tan-negozju u obbligi oħrajn li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-Awtorità Kompetenti tal-Istat Membru ospitanti skont l-Artikolu 35(8) u ż-żamma tar-rekords taħt l-Artikolu 16(6);
  3. il-kodiċi tal-persunal għall-Imgħiba, li tinkludi n-negozjar għan-nom proprju;
  4. il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus;
  5. il-monitoraġġ u l-kontroll ta' arranġamenti kritiċi tal-esternalizzazzjoni (jekk applikabbli);
  6. l-isem, l-indirizz u d-dettalji tal-kuntatt tal-iskema tal-kumpens akkreditata li hija membru tagħha d-ditta tal-investment;".
-











ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)  
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)



**L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea**  
2985 Il-Lussemburgu  
IL-LUSSEMBURGU

**MT**